# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' nhar it-21 ta' Marzu 2023**

**Talba nru. 210/2022**

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED**
**(C 3143)**

***VERSUS***

**FEDERICO BETTANCINI**
**(KI 239362A)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avviz ipprezentat fl-14 ta' Lulju 2022 is-socjeta attrici talbet lill-konvenut il-hlas ta' l-ammont ta' tlett elef sebgha mija u erbgha u tmenin Ewro (Eur 3,784) in konnessjoni ma' incident awtomobilistiku li sehh nhar il-31 ta' Mejju 2020 f'Haz-Zabbar u dana meta il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCN 432 kienet qed tinstaq mill-konvenut u f'liema incident kienu involuti diversi vetturi ohra fosthom il-vettura BBZ 083.

Ra illi s-socjeta attrici ippremettiet ukoll illi hija kienet harget polza ta' assikurazzjoni tat-tip Comprehensive fuq il-vettura LCN 432 propjeta ta' Louis Scicluna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Pitty s rent a Car Limited. Illi fid-data ta' l-incident de quo, l-intimat ma kienx kopert mill-polza ta' assikurazjoni u dan stante illi l-intimat kien taht l-effett tax-xorb fil-hin ta' l-akkadut u dana skond ma jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija.

Ra illi permezz ta' Lodo moghti nhar l-10 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet "Joseph Deguara vs Federico Betancini u GasanMamo Insurance Limited bhala interventut fil-kawza ai termini tad-digriet ta' l-14

ta’ Lulju 2021, it-Tribunal ta’ l-Arbitragg sab lil-intimat bhala unikament responsabbli ghall-incident u dani kollha konsegwenzjali u bid-dritt ta’ rivalsa tas-socjeta attrici kontra l-intimat u dan skond ma jirrizulta mil-Lodo. Illi s-socjeta attrici kienet obbligata illi thallas lit-terzi ai termini tal-lodo msemmi u effettivament hija hallset lil Elmo Insurance Limited is-somma kumplessiva ta’ tlett elef hames mija u tmienja u sittin Ewro u erbgha u hamsin (Eur 3,568.54).

Ra illi b zieda ma dan is-socjeta attrici hallset spejjez gudizzjarji fl-ammont ta’ Eur 206.15 liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud u dan ai termini tat-taxxa ufficjali mahruga mic-Centru ta’ l-Arbitragg u li ghaldaqstant is-socjeta attrici sofriet total ta’ Eur 3,784.00 komplessivament.

Ra illi s-socjeta attrici talbet ukoll l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali datata 3 ta’ Gunju 2021 kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru kontestwalment ipprezentat mat-talba, bl-interessi legali.

Ra illi minkejja d-diversi tentattivi sabiex issir notifika lill-konvenut ir-riferti baqghu negattivi u ghaldaqstant is-socjeta attrici irrikorriet sabiex tinnotifika lill-konvenut permezz ta’ l-affissjoni li saret fl-4 t’Ottubru 2022 kif jidher a fol. 26.

Ra illi saret ukoll il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern fil-11 t’Ottubru 2022 (fol. 29) kif ukoll il-pubblikazzjoni f’gazzetta lokali datata 20 t’Ottubru 2022 (Fol.32).

Ra illi minkejja illi l-konvenut kien gie debitament notifikat huwa naqas li jidher ghas-seduta successiva u cioe dik tal-15 ta’ Dicembru 2022 u lanqas deher xi rapprezentant ghalih u lanqas ipprezenta risposta sabiex jikkontesta t-talbiet attrici. Ghaldaqstant it-Tribunal iddikjara lill-konvenut bhala kontumaci skond dak previst fid-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra illi din it-talba thalliet ghall-provi tas-socjeta attrici.

Ra illi fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2023 is-socjeta attrici iddikjarat illi ezawrixxiet il-provi kollha taghha u li din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ra id-dokumenti kollha.

Sema x-xhieda prezentati.

Ra l-atti processwali.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2023 is-socjeta attrici ipproduciet bhala xhud lil Andrea Bondin, motor claims adjustor fi hdan is-socjeta attrici, li pprezenta dokument immarkat dok. AB2 sa AB18 li fih elenka kif graw l-affarijiet u li fih juri li l-assikurat tas-socjeta attrici kien Louis Scicluna bhala sid tal-vettura LCN 432. Ix-xhud fl-istess dokument jghid ukoll illi s-socjeta attrici kienet irceviet ittra gudizzjarja minghand sid il-vettura BBZ 083 ta’ Joseph Deguara li kien sofra danni b’rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku. Minbarra dan fix-xhieda tieghu x-xhud jghid illi fl-1 ta’ Gunju 2020 l-policy holder flimkien mad-driver Federico Bettancini kienu marru l-head office biex jifthu claim.

Illi x-xhud Andrea Bondin ipprezenta diversi skambji ta' emails, formoli tal-claim, kopja tal-polza ta' l-assikurazzjoni li kienet tkopri lil Louis Scicluna ghan-nom ta' Pitty's Garage, rapport ta' l-incident awtomobilistiku flimkien ma' sett ta' ritratti li juru l-istess.

Illi fid-dokumenti prezentati, x-xhud wera wkoll kif il-polza ta' l-assikurazzjoni teskludi lil persuni kemm-il darba "*any liability incurred while your vehicle was being driven by any person including you if at the time of driving the driver is under the influence of intoxicating liquor or drugs*." (Dok. AB1 (Section II Liability to Third Parties).

Illi giet ipprezentata wkoll id-decizjoni tac-Centru ta' l-Arbitragg li sab lill-intimat unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet fil-31 ta' Mejju 2020 u konsegwentament ikkundannah ihallas id-danni fl-ammont ta' Eur 2318.75 flimkien ma' spejjez tal-proceduri ta' l-arbitragg u ta' l-ittri ufficcjali.

Illi fl-istess seduta xehdet ukoll WPC379 Stephanie Zammit li pprezentat rapport ta' l-incident awtomobilistiku markat bhala Dok.SZ1. Fir-rapport il-kuntistabbli ikkonfermat illi kien sar test tal-breathalyzer minhabba li kien hemm suspett ta' xorb u li dan irrizulta illi l-intimat kien ecceda l-limitu permessibbli bil-ligi. Ix-xhud tghid, "*. . . u qalli li x-xufier tal-vettura LCN 432 li kienet KIA u hu indikali lil Federico Bettancini li kien is-sewwieq taghha, qalli li dak ikkawza l-incident, qalli u nahsbu li qieghed taht l-effett.. . . . . . u Federico gie infurmat li nstab positive u li qed isuq taht l-effett ta' l-alkohol, u iffirma l-ircevuta . .*"

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi l-konvenut baqa' ma ressaqx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi il-konferma bil-gurament min-naha tas-socjeta attrici tramite r-rapprezentant taghha Andrea Bondin fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2023 illi xehed estensivament dwar minn meta sar l-incident awtomobilistiku sakemm harget id-decizjoni tac-Centru ta' l-Arbitragg. Illi x-xhud sahansitra ta'

rendikont ta' l-ammont mitlub u x jirraprezenta kull ammont mitlub li kumplessivament jammonta ghal Eur 3784.00.

Illi x-xhieda ta' Andrea Bondin flimkien mad-dokumenti kollhaipprezentati ghandha certament titqies bhala prova sodisfaċenti u kompluta u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni sabiex dan it-Tribunal jiddubita l-veraċità ta' din ix-xhieda.

Illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba. It-Tribunal ha kont ta' dak li gie affermat bil-gurament minn Andrea Bondin ghan-nom tas-socjeta attrici inkluz d-dokumenti pprezentati li juru htija attribbwibbli lill-intimat u l-ammont ta' spejjez konsegwenza ta' tali htija.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tlett elef sebgha mija erbgha u tmenin Ewro (Eur 3,784.00) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-mill-14 ta' Lulju 2022 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 2333/21 (ipprezentata fl-atti processwali).

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur